


# MANOEL THEATRE

# Your first salary in– now use your money wisely

**The grown-up way is to have a Mid-Med Bank Cheque Book.**

Your Mid-Med Bank Cheque Book is a reliable way of handling your money. You do not carry with you more cash than absolutely necessary and still buy what ever you may need by cheque. Once you have a current account you can ask Mid-Med to pay instalments and other regular payments on your behalf. You will also receive periodically, or on request, a statement giving you a record of what you've put in, spent and have left in your account.



**Grow up – use a Mid-Med Bank Cheque Book.**

Open a Current Account with one of the Mid-Med branches spread through-out Malta & Gozo.

Mid-Med Bank Limited

Reliability and Efficiency



**E.BAKALOWITS SÖHNE**



LIGHT FITTINGS GLASSWARE
GIFT ARTICLES CHINAWARE

MANUFACTURING PLANT AND
HEAD OFFICE
1171 Viena Halirschgasse 17 Tel 46 56 36-0
Mailing Address P.O. Box 162 A 1171 Vienna

SHOWROOMS
1010 Vienna Spiegelgasse 3 Tel. 52 63 51, 52 79 91
5020 Salzburg Mozartplatz 4 Tel. 43 7 06, 42 6 83

Chandeliers, Lanterns and Wall Brackets in the Foyer of and Annex to the Manoel Theatre have been supplied by E. Bakalowits Sohne of Spiegelgasse 3, 10 10 Wien-Austria

AFTER THE THEATRE DINE
AT THE




**BOLOGNA RESTAURANT**

59, REPUBLIC STREET VALLETTA
*FIRST CLASS RESTAURANT*

**ITALIAN CUISINE**

FOR TABLE RESERVATION **Phone 626149**

***Associate to:—***

**THE WINSTON** — 16, High Street, Sliema — Tel. 34584
**THE GREAT DANE RESTAURANT** — Mellieha Holiday Centre, Mellieha Bay — Tel. 373980
**THE CARRIAGE PUB & GRILL** — 68, The Strand, Sliema — Tel 33864
**THE VICTORIA PUB & GRILL** — Medisles Village, St. Andrew's — Tel. 36072
**THE MEDINA RESTAURANT** — Holy Cross Street, Mdina — Tel. 674004

***General Enquires 35800***

MINISTERU TA' L-AFFARIJIET BARRANIN
U KULTURA

---

IT-TAQSIMA KULTURA

**tipprezenta**

# L-BANDA NAZZJONALI

**fil-programm inawgurali**

**immexxija minn**

**Mro. JOHN J. PACE**

**IL-HADD 1 T'APRIL 1984**

***TEATRU MANOEL VALLETTA***



Mro. JOHN J. PACE

John J. Pace twieled Ħaż-Żabbar fl-1945 u studja fil-Kulleġġ De La Salle fil-Kottonera.

Huwa beda l-istudju mużikali tiegħu bħala alliev fil-Każin tal-Banda 'Maria Mater Gratia-e' ta' Ħaż-Żabbar taħt Mro. Paul Buttigieg. Daqq għall-ewwel darba bil-Clarinett Piccolo in Mi b taħt Mro. Jimmy Worley li kien ta' għajnuna kbira għalih fil-bidu tal-karriera tiegħu.

Wara li għamel kors fl-Armonija hu kompla jistudja taħt Mro. Carmelo Caruana Surmast Direttur tal-Banda King's Own u min-għandu tgħallem it-teknika li tirrekkjedi direzzjoni tal-banda. Attenda kors fl-Armonija avvanzata u Kontrapunt għand Mro. Pace F.L.C.M.

Mro. J. Pace għamel xi żmien tal-Allievi mal-Baned 'Maria Mater Gratiae' ta' Ħaż-Żabbar u mal-'Lily Band' ta' l-Imqabba.
F'Jannar 1977 ġie maħtur Surmast Direttur tal-Banda 'Santa Marija' ta' Ħal-Għaxaq. F'Awissu 1978 ngħata l-istess kariga mal-Banda 'Marija Annunziata' ta' Ħal-Tarxien. Ta' min jgħid li din kienet l-ewwel banda li ngħażlet biex tagħti l-Kunċert Annwali tal-Assoċċjazzjoni tal-Baned fl-Istitut Kattoliku u kien f'Jannar 1979 li Mro. John Pace dderieġa lill-istess Banda f'dan il-Kunċert Strumentali.

F'April ta' l-istess sena (1979) flimkien ma Mro. Philip Gatt u Mro. Anthony Sammut. Mro. Pace ġie magħżul biex jidderieġi l-Banda tal-Assoċċjazzjoni tal-Baned f'Dar il-Mediterran f'Jum il-Ħelsien meta ndaqqu xogħolijiet ta' Kompożituri Maltin.

F'Mejju 1979 huwa ġie maħtur Surmast Direttur tal-Banda 'San Mikiel' ta' Ħaż-Żabbar, u sena wara l-Banda Prince of Wales tal-Birgu ukoll ħatrietu bħala s-surmast tagħha.
Mro. Pace għamilha wkoll ta' 'Guest Conductor' ma diversi baned oħra Maltin. Fl-ewwel konkors tal-Baned ħa sehem ma tlett baned minn tiegħu u din is-sena reġa' ħa sehem fit-Tieni Konkors mal-**Banda San Mikiel li ġiet fit-tieni post.**
Fost ix-xogħolijiet mużikali ta' Mro. Pace nsibu diversi Marċi popolari, Marċi Funebri, Inno Marcia lill-San Duminku, Inno lil San Mikiel u 'Għanja Sinfonika taċ-Centinarju' li Mro. John Pace kiteb fl-okkażżjoni ta' Għeluq iċ-Centinarji tal-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar.
Din is-sena Mro. J. Pace inħatar mill-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin u Kultura biex imexxi l-Banda Nazzjonali.

Innu **LIL MALTA ĦIELSA** K. Vassallo / M. Theodorakis

Dan l-innu ta' l-imsemmi kompożitur grieg M. Theodorakis b'versi mill-isbaħ tal-poeta Karmenu Vassallo nkiteb għall-okkażjoni ta' l-għeluq tal-bażi militari fil-31 ta' Marzu 1979 illum il-Jum Nazzjonali Malti.

Sinfonia **ORFEO AL INFERNO** J. Offenbach

Jacques Offenbach — ismu veru Jakob Eberat Wiener — twieled f'Cologne fl' 1819 u miet Pariġi fl-1880. Kien tifel ta' Lhudi li mar jgħix f'Pariġi. Beda l-karriera mużikali tiegħu bħala vjolinċellista, wara sar magħruf bħala kompożitur ta' operetti bħal Orphie aux Enfers; Belle Helene; Tales of Hoffman u oħrajn. Kien imexxi t-Tejatru Comte f'Pariġi li hu taħ l-isem ta' Bouffes-Parisiens. L-iktar opera li kisbet suċċess kienet Les Cortes d'Hoffman. L-opera komika 'Orfeo al Inferno' hija fuq librett ta' Cremieux u Halexy u dehret għall-ewwel darba f'Pariġi fil-21 ta' Ottubru 1858. Minnha ser nisimgħu llum s-Sinfonija.

L-arranġament għall-Banda hu ta' A. Hibbert.

Poema Sinfoniku **MALTA REBBIEĦA** Mro. Joe Vella

F'din il-Poema Sinfoniku b'xejra Patrijottika l-kompożitur jesprimi t-twemmin tiegħu fil-ħila tal-ġens Malti li matul l-istorja tiegħu dejjem għaraf jelgħeb id-diffikultajiet li sab ruħu fihom.

Il-mużika ta' din il-poema sinfoniku hija maqsuma fi tliet partijiet prinċipali. L-ewwel insibu mużika ta' xejra mqallba li tesprimi l-ġlied. It-Tieni parti hija mibnija fuq forma ta' Marċ Funebri li juri n-niket u l-mewt li jġib il-ġlied, waqt li fl-aħħar il-mużika tinbeda fuq Apoteosi ta' rebħa.

Ta' min jinnota li f'din il-parti l-kompożitur jagħmel użu minn mottivi żgħar ta' l-Innu Malti li huwa jinseġ fit-tema tal-mużika tiegħu.

Din il-kompożizzjoni ġiet ikklassifikata l-ewwel fil-Konkors ta' kompożizzjonijiet għall-baned mniedi mit-Taqsima Kultura fl-okkażjoni tal-Festi tal-Jum Nazzjonali 1983.

Overture **SE IO FOSSE RE** A. Adam

Adolphe Adam (1803-1856) kellu biss 14-il sena meta daħal il-Konservatorju u studja taħt Reicha u Boieldie. Dan ta' l-aħħar influwenza ħafna u nduna li Adam kellu talent għall-opera comique. Fl-1825 rebaħ il-'Prix de Rome' u fl-1829 hu pproduċa l-ewwel opera tiegħu. Il-fama tiegħu l-iktar li kisibha bil-ballet 'Giselle' u bħala wieħed mill-iktar kimpożituri ta 'l-umoriżmu. Hu nnifsu stqarr 'L-uniku għan tiegħi hu li nikteb mużika transparenti ħafifa biex tiftiehem u li ddaħħaq lill-pubbliku'.

L-Opra 'Si j'etais Roi' jew kif iktar nafuha aħna 'Se Io Fosse Re' hi Opera fi tlett atti u dehret għall-ewwel darba f'Pariġi fl-4 ta' Settembru 1852, b'librett ta' d'Ennery u Bresilv kienet suċċess. Ser nisimgħu l-overture ta' din l-opera li hi fi stil klassiku Franċiż.

L-arrangament għall-Banda sar minn Mro. Carmelo Caruana.

Blues Music **HOOTENANNY** H. Walters

'Hootenanny' hija mużika ta' xeħta nostalġika li ħafna jaħsbu li l-isem oriġinali kien 'Hootin' Annie'.

Hootenannies kienu jgħaqqdu flimkien numru konsiderevoli ta' kantanti u mużiċisti folk. F'din il-ġabra li ser nisimgħu il-lejla, Harold Walters inkluda melodiji tipiċi li wieħed jisma' f'folk festivals. Fl-ewwel taqsima, b'ritmu mhux mgħaġġel insibu il-'blues' 'Frankie and Johnny'; 'Lonesome Road' u l-kanzunetta 'John Henry'. B'temp aktar mgħaġġel u ferrieħi nisimgħu 'Chicken Reel' (Klarinetti); 'Michael Row the Boat' (Trumbuni) u 'Arkansas Traveler' (Kurunetti).

Il-kanzunetta spiritual 'I'm on my way' u 'Down by the Riverside' iġibu din is-selezzjoni għall-final grandjuż.

Overture Elegajku | 5 TA' MEJJU 1983 | Mro. Clo Pace

Anton Buttigieg kien poeta Malti li qatt ma jintesa'. Hu ħadem diversi drabi mal-kompożitur u fil-fatt it-tnejn flimkien kienu tellgħu 'L-Kapella tal-Paċi'. Anton Butigieg kien kiteb il-versi waqt li Carmelo Pace ikkompona l-mużika. Din 'il-Kappella tal-Paċi' kienet ġiet esegwita fit-Teatru Manoel.

Barra minn dan il-kompożitur immużika diversi poeżiji oħra ta' l-istess poeta, kemm għall-vuċijiet kif ukoll għall-pjanu.

Il-mewt ta' Anton Buttigieg li ġrat fil-5 ta' Mejju 1983, ispirat lil Mro. Carmelo Pace biex jikkomponi din l-Overture Elegajku u li hekk din tibqa' tifkira ta' Anton Buttigieg.

Din il-kompożizzjoni ġiet ikklassifikata it-tieni fil-Konkors ta' kompożizzjonijiet għall-baned mniedi mit-Taqsima Kultura fl-okkażjoni tal-Festi tal-Jum Nazzjonali 1983.

Suite | ARLESIENNE | George Bizet

Georges Bizet kiteb 27 biċċa bħala mużika inċidentali għad-dramm ta' Alphonse Daudet 'L'Arlessienne' li ntwera għall-ewwel darba f'Pariġi fl-1872. Min din il-mużika ħarġu żewġ suites għall-orkestra. L-erba' movimenti li ser jindaqqu l-lejla nsibuhom fit-tieni suite.

L'Arlesienne tgħid l-istorja ta' Frederi u Vivette li miċ-ċokon ħabbew lil xulxin; imma Frederi iġġennen wara mara minn Arles li ma kienitx tal-qata' tiegħu. Billi ma setgħax jiżżewwiġha Frederi neħħa ħajtu.

Is-suite no. 2 hi mqassma hekk :-

1. Pastorale
2. Intermezzo
3. Minuet
4. Farandoli

L-arranġament għall-Banda sar minn Mro. Carmelo Caruana.

Medley | HOOKED ON CLASSICS | J.H. Burden

'Hooked on Classics' Parts I & II hija tip ta' mużika klassika magħmula fuq ritmu ta' disco moderat bi skop li żgħażagħ moderni japprezzaw il-mużika klassika.

Is-selezzjoni li ser nisimgħu llum għandha arranġament oriġinali minn Louis Clark u arranġament għall-Concert Band ta' James H. Burden.

Is-siltiet inklużi f'din ir-Reminiscenza huma :

Piano Concerto No. 1 ta' P.I. Tchaikovsky

The Flight of the Bumble Bee ta' Rimsky-Korsakov

Sinfonija No. 40 ta' Mozart

The Garelia Suite ta' Sibeluis

The Marriage of Figaro Act II ta' Mozart

Overture mir-Romeo and Juliet

Trumpet Voluntary ta' Sir Henry Wood

Il-Kor 'Hallelujah' mill-Messiah ta' Handel

Piano Concerto No. 1 ta' Grieg

Il-Marċ Toreador mill-'Carmen' ta' G. Bizet

u nispiċċaw bl-iktar parti popolari mill-Overture 1812 ta'

— INNU MALTI —



Wara s-suċċess miksub fl-ewwel żewġ konkorsi għall-Baned Maltin organizzati mit-Taqsima Kultura tal-Ministeru tiegħi, kif kont wegħedi il-pass l-ieħor kellhu jkun it-twaqqif ta' Banda Nazzjonali. Illum din il-wegħda qegħdin inwettquha u jiena ċert illi intom li qed tattendu għall-programm inawgurali ta' din il-Banda taqblu miegħi li dan kien pass f'waqtu. Kien ukoll xieraq illi pajjiżna jkollu l-Banda Nazzjonali tiegħu. F'Malta u Għawdex il-Baned huma l-benniena Kulturali tal-bliet u r-rħula tagħna u għalhekk huwa unur għall dawk kollha li tul is-snin ħadmu biex din l-arti mużikali tikber f'pajjiżna, li llum għandna l-Banda Nazzjonali tagħna.

Filwaqt li nirringrazzja lil dawk kolllha li b'xi mod jew ieħor għenu lit-Taqsima Kultura fit-twaqqif tal-Banda Nazzjonali, nawgura l-akbar suċċess lill din il-Banda Nazzjonali li twaqqfet propju f'dawn il-festi li qed ifakkru l-Ħames Anniversarju minn meta Malta kisbet il-Ħelsien.

## THE MANOEL THEATRE FOYER

The Bonici Palace on the corner of Old Bakery Street, acquired by the Manoel Theatre two decades ago, has been completely restored and now constitutes its foyer. It can be approached from the auditorium, the level of your box, or from the original courtyard. Climbing the staircase with its shallow steps of white Carrara marble you see at every turn shell-shaped niches in one of which you may find the bust of your favourite composer. Further up, double doors inset with bevelled-edged mirrors lead to impeccable cloakrooms.

There are wall brackets and chandeliers from Vienna, heavy silk curtains in bluey/green and gold, a pair of candelabra once the property of the Messina family.

You will see engravings characters and scenes from famous operas and showcases in which are to be found *memorabilia* of the Theatre collected throughout the years. An antique mirror hangs above the eighteenth century mantelpiece. Beautiful furniture has been collected from the Auberges and carefully restored. The ceiling is a particular delight, the newly hand-painted beams, so near in colour to the curtains, are decorated with the Maltese Cross and small crowns picked out in gold.

Keeping guard over all this splendour stands the bust of Grand Master Antonio Manuel de Vilhena which was recovered from Manoel Island.

A visit to the Manoel Theatre Foyer is a must for every art lover, this splendid old house, restored to its pristine glory, makes a marvellous venue for any art Exhibition. The setting and accoustics are perfect for recitals and poetry reading.

---

## MANOEL THEATRE MANAGEMENT COMMITTEE

**Chairman**
**A. AGIUS FERRANTE**

**Deputy Chairman**
**T. CASSAR DARIEN**

**Hon. Treasurer**
**M.L. BONNICI**

**Hon. Secretary**
**D. PISCOPO**

**Members**
**C. COLEIRO, R. LAPIRA, J. MICALLEF**


Fly in style
on
AIRMALTA